**KUNSILL LOKALI BORMLA** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI** **SEDUTA NRU. 10**

**IL-ĦAMIS 28 TA' JANNAR, 2010**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 28 ta' Jannar 2010 fis-6.30 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI ( Sitt Kunsillieri )**

**Is-Sindku** Joseph Scerri, **il-Viċi Sindku** Alison Zerafa u **l-Kunsilliera** Raymond Balzan (daħal fis-6.40pm), James Cauchi, Pablo Cachia Belli u Roderick Mamo.

**Il-Kunsillier** John Vella bl-approvazzjoni tal-Kunsill attenda seminar fuq preżentazzjoni ta' stħarriġ fuq il-ħtiġijiet ta' Bormla. Għaldaqstant kien skużat.

**TALBA**

**Is-Sindku Joseph Scerri** qal it-talba.

**INTRODUZZJONI TA' AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV ĠDID**

Wara t-talba, s-Sindku ntroduċa lis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseph Caruana u nfurmahom li kien infurmat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li kellu jibda mit-18 ta' Jannar, 2010. Is-Sindku f'isem il-Kunsill kollu awgura ħidma għaqlija.

Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lis-Sindku u l-Kunsilliera preżenti ta' l-awgurju u talab il-koperazzjoni tal-Kunsilliera kollha fil-ħidma kollettiva biex finalment igawdu minnha l-Bormliżi kollha.

**10/01** **<u>MINUTI TAS-SEDUTI NRU. 09</u>**

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq għall-kummenti tal-Kunsilliera u għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 09, li nżammet nhar il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2009, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

***Korrezzjoni***

**Il-Viċi-Sindku Alison Zerafa** talbet korrezzjoni tal-minuti għax hija kienet preżenti fis-seduta u daħlet fis-6.45pm.

**Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli** ssekonda.

**Ivvutaw Favur il-ħames (5) Kunsilliera preżenti,** Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni (0).

**Il-Kunsill unanimament ikkonferma l-Minuti tas-Seduta Nru. 09**.

☆ **<u>Il-Kunsillier Raymond Balzan daħal għas-Seduta fis-6.40pm</u>**

**10/02 <u>STQARRIJIET FINANZJARJI GĦAS-SENA 2009</u>**

Ġie mistieden is-Sur Lawrence Cauchi biex jispjega l-accounts finali ta' disa' xhur li jagħlqu fil-31 ta' Diċembru, 2009.

Il-Kunsillier James Cauchi iddikjara li s-Sur Cauchi huwa l-prim kuġin tiegħu.

Is-Sur Lawrence Cauchi ta spjegazzjoni dettaljata ta' l-accounts fejn anke irrisponda għad-domandi mressqa mill-Kunsilliera preżenti. Wara li kull kunsillier wera s-sodisfazzjon tiegħu, **is-Sindku s-Sur Joseph Scerri**, issekondat mill-**Viċi Sindku Alison Zerafa**, ressaq l-accounts għall-vot.

**Ivvutaw Favur is-sitt (6) Kunsilliera preżenti,** Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni (0).

**10/03 <u>SKEDA TA' PAGAMENTI – DIĊEMBRU 2009</u>**

***10/03/01*** ***<u>Pagamenti Magħmula</u>***

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti magħmula għax-xahar ta' Diċembru, 2009, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Is-Sindku is-Sur Joseph Scerri**, ressaq il-lista ta' pagamenti magħmula għall-kummenti tal-Kunsilliera u wara ppropona l-approvazzjoni ta' dawn il-pagamenti.

**Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvotaw favur is-sitt (6) Kunsilliera preżenti**. Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti magħmula għax-xahar ta' Diċembru, 2009,

***10/03/02*** ***<u>Pagamenti li jridu jsiru</u>***

**Is-Sindku s-Sur Joseph Scerri** ressaq il-lista ta' pagamenti li għad iridu jsiru għall-kummenti tal-Kunsilliera u wara ppropona l-approvazzjoni ta' dawn il-pagamenti.

**Il-Kunsillier is-Sur Roderick Mamo** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvotaw favur is-sitt (6) Kunsilliera preżenti.** Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti ta' dawn il-kontijiet għax-xahar ta' Diċembru, 2009.

10/04 **ESTIMI FINANZJARJI 2010**

Is-Segretarju poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill l-estimi finanzjarji għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru, 2010. Dawn l-estimi kienu diġa mressqa u approvati fil-laqgħa tal-komunita' li saret fil-25 ta' Jannar, 2010.

**Is-Sindku s-Sur Joseph Scerri** ressaq l-estimi għall-vot filwaqt li l-**Viċi Sindku s-Sinjorina Alison Zerafa** issekondat il-mozzjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-estimi għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru, 2010.

10/05 **ĦATRA TA' BORD TA' L-GĦAŻLA – IMPJIEG TA' SKRIVAN/A**

Il-Kunsill ġie mitlub biex jaħtar Bord għall-għażla ta' skrivan/a għall-impjieg mal-Kunsill.

Wara diskussjoni, l-Kunsill issospenda dan l-item sakemm jiġu ċċarati xi punti.

10/06 **ĦATRA TA' BORD TA' L-GĦAŻLA**
**- OFFERTI KLBO 02/2009 u KLBO 03/2009**

*10/06/01* ***KLBO 02/2009 – Installazzjoni ta' Lift***
Il-Kunsill ġie mitlub biex jaħtar Bord ta' l-Għażla biex jinxtara lift biex ikun hemm aċċess għas-sular ta' fuq.
Wara li l-Kunsill eżamina l-lista ta' l-offerti mitfugħa, il-Kunsill iddeċieda li l-għażla ta' l-offerti għandha ssir mill-Kunsill stess.

*10/06/02* ***KLBO 03/2009 – Kostruzzjoni ta' Rampi***
Il-Kunsill għadda biex jaħtar Bord ta' l-Għażla biex jiġi kkummissjonat kuntratt għall-kostruzzjoni u nstallazzjoni ta' rampa fid-dħul ta' l-uffiċini tal-Kunsill.
Il-Kunsill approva unanimament li għandu jara jekk hux possibli li l-ħaddiema tal-Kunsill jagħmlu r-rampa u l-Kunsill jipprovdi l-materjal neċessarju.
Jekk din l-alternattiva ma tkunx possibli, allura l-Bord ta' l-Għażla jkun kompost mill-Kunsilliera kollha.

10/07 **KORRISPONDENZA**

10/07/01 L-**Ombudsman** kiteb lill-Kunsill dwar l-impjieg ta' Ms. Debbie Cassar li kien sar mill-Kunsill fil-kapaċita tagħha ta' Segretarju Eżekuttiv.
L-Ombudsman qed jikkunsidra li jirrakkomanda l-Kunsill ta' Bormla jipproċedi bis-sejħa minn fejn ħalla. Minkejja l-fatt li għadu ma sabx

Segretarju Eżekuttiv mill-lista mibgħuta mill-ETC, il-Kunsill għandu jerġa jitlob permess mill-ETC biex joħroġ sejħa għall-applikazzjonijiet filwaqt li Ms. Cassar ikollha ċ-ċans li tapplika jekk għadha interessata.
Il-Kunsill unanimament approva li ninfurmaw lill-Ombudsman li l-liġi tal-Kunsilli Lokali nbidlet u hija effettiva mill-1 ta' Novembru, 2009. Għaldaqstant il-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jiftaħ sejħa ġdida.

**10/07/02** Wara li l-Kunsill irċieva stedina minn **Care Malta** biex jinnomina organizzazzjoni jew individwu għall-award tas-Sur Nazzareno Vassallo, il-Kunsill unanimament qabel li jinnomina lis-Sur Carmelo De Lorenzo

**10/07/03** Il-**Green MT** bagħtu proposti ta' ftehim li għandu jsir mal-Kunsill fir-rigward ta' skart ta' ippakkeġġjar (skart sperata) u anke skart t'affarjiet elettriċi u elettroniċi.
Il-Kunsill unanimament approva li jagħżel l-ewwel optzjoni u għandu jinforma l-Green MT biex jipprepara l-kuntratt.

**10/07/04** Il-**WasteServ** Malta bagħtet kopja ta' kuntratt għall-approvazzjoni tal-Kunsill fir-rigward ta' provvediment ta' skips għall-iskart magħżul. Il-Kunsill unanimament approva li jiffirma l-kuntratt u jagħżel l-optzjoni li jiddeposita Euro 50 għal kull bin biex tagħmel tajjeb għal kull neċessita ta' manutenzjoni ta' kull separation bin.

**10/07/05** Il-**Kunsillier John Vella** bagħat email lis-Segretarju sabiex iressaq żewġ proposti (in writing u in absentia) fil-laqgħa tal-Kunsill peress li hu se jkun assenti mil-laqgħa minħabba li kien qed jirrappreżenta lill-istess Kunsill f'laqgħa dwar il-bżonnijiet ta' Bormla. Il-proposti kienu:

(a) Li l-fondi tal-MEPA għall-Urban Improvement Fund (Euro 934) jintużaw għall-installazzjoni ta' fanali fi Triq Nelson – kwotazzjonijiet se jinġiebu mis-Sotto Kumitat u jiġu mgħoddija lill-Kunsill biex wara jiddeċiedi u jimxi skont il-liġi.
(b) Li għal Memo 21/2010, jitressqu bħala proġetti proposti (i) restawr u użu tax-Xelters u s-Sally Port ta' l-Almoner kantuniera ma' Triq Daħlet it-Tlett iBliet; u (ii) Restawr u Użu tal-Knisja tan-Nattivita'. Dettalji dwar dawn jingħataw aktar tard mar-rapport tal-laqgħa tas-Sotto Kumitat.

Il-Kunsill unanimament approva.

**10/07/06** Il-**Kunsillier John Vella** informa l-Kunsill bil-miktub (in absentia) li s-Sur Kenneth Gambin tal-Heritage Malta ikkonferma li se jagħmlu replika tal-pittura ta' Bieb Santa Liena fuq il-canvas. Il-Kunsill approva unanimament.

## 10/08 <u>ĦWEJJEĠ OĦRA</u>

**10/08/01** ***<u>Attivita' tal-Ġimgħa l-Kbira</u>***
Il-Kunsill approva li ssir attivita' musiko-letterarja fil-knisja parrokjali flimkien mal-4th System Clarinet Quartet biex tiġi kommemorata l-mewt u l-qawmien ta' Kristu.

Is-Sindku iddikjara li peress li wieħed mill-quartet huwa t-tifel tiegħu, hu mhux se jieħu parti fid-deċiżjoni tal-Kunsill. Il-budget li ġie approvat għal din l-attivita' huwa ta' Euro 200 biex isiru xi posters u inviti ecc.... Il-persuna li se tkun inkarigata min din l-attivita' hija s-Sur Darren Dimech, membru tal-quartet.

**10/08/02** ***<u>Ħtieġa ta' Fattiga waqt il-laqgħa tal-Kunsill</u>***

Fuq proponiment tas-Sindku, issekondat mill-Kunsillier Ray Balzan, il-Kunsill approva unanimament li waqt il-laqgħa tal-Kunsill għandu jkun hemm fattiga biex tieħu ħsieb in-neċessitajiet li jkollhom bżonn il-Kunsilliera waqt il-laqgħa. Għaldaqstant is-Segretarju ġie mitlub li jitlob lis-Sinjura Anabelle Ellul biex tidħol ħinijiet extra kull darba li jkun hemm laqgħa tal-Kunsill.

**10/08/03** ***<u>Tender tal-Bar – Grawnds Peppi Delceppo</u>***

Is-Sindku nforma li fil-futur qrib ser toħroġ tender għall-kiri tal-bar tal-grawnds Peppi Delceppo ta' Bormla

**10/08/04** Il-**Kunsillier Pablo Cachia Belli** qal li se jorganizza tournament tal-football b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Żgħażagħ Parroċċa Bormla fid-19 ta' Marzu, 2010. Il-Kunsill approva unanimament.

Fid-9.30pm il-laqgħa ġiet iddikjarata magħluqa. Is-Seduta li jmiss ġiet iffissata għal nhar il-Ħamis 25 ta' Frar, 2010.

______________ ______________

Joseph Scerri
Sindku

Joseph Caruana
A/Segretarju Eżekuttiv